MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru 26/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Francis Camilleri**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Francis Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 53063G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

> talli fl-20 ta' Gunju, 2008 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu u tliet xhur ta' qabel fil-fond "Sanibel," Triq il-Wileg, Qala:

1. zamm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta dak l-ghasfur ma kienx gie dikjarat u registrat mal-Awtorita’ Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma kellu l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita’ Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur, bi ksur ta’ Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta’ r-Regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat membru iehor fejn ikun jista’ jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta’ dak l-istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f’Malta wara l-1 ta’ Mejju 2004, bi ksur ta’ Regolament 4 (1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab ma’ r-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u li ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) ta’ Regolament 21 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 bi ksur ta’ Regolament 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;

4. u aktar talli fis-snin ta’ qabel ittrasferixxa jew b’xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imemmi fis-subregolament (1)(e) ta’ Regolament 4 tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi minghajr ma ghamel talba lid-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Ambjent fi hdan l-Awtorita’ ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta’ dak it-trasferiment jew disponiment minghand l-istess Direttur, bi ksur ta’ Regolament 4(2) tal-Avviz legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa’ taht regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta’ Fawna u Flora, minghajr ma zamm fil-pussess tieghu, u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li ghandhom x’jaqsmu mal-importazzjoni ta’ dawk l-ezemplari u dan bi ksur ta’ Regolament 7 tal-Avviz Legali 236 tal-2004;

6. akkuzat ukoll talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Dr. David Scicluna LL.D.) datata 04.05.07 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**2.** Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Għawdex) moghtija fl-15 ta’ Jannar, 2013 li biha, filwaqt li lliberat lill-imputat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 4(2), 21(5) u 27(3)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat bl-Avvizi Legali 39 tal-2007 u 280 tal-2007, Regolament 7 tal-Avviz Legali 236 tal-2004, u Artikolu 17(h) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta' elf Euro (€1000) u ordnat il-konfiska tal-annimali indikati f'Dokument "D" u li gew esebiti bhala dokument wiehed, li gie mmarkat bhala Dok. "E".

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Francis Camilleri minnu pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-imputat gie liberat mis-sitt akkuza u tirrevokaha in kwantu l-ewwel hames akkuzi fejn sabet lill imputat hati u kkundannatu multa ta' elf ewro (£1,000) u ordnat il-konfiska tal-annimali indikati f'Dokument "D" u li gew esebiti bhala dokument wiehed, li gie mmarkat bhala Dok "E" u b'hekk tillibera lill-imputat minn kull htija u piena skont il-ligi, jew alternattivament tvarjaha fil-parti fejn ordnat il-konfiska tad-dokumenti msemmija.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell:

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-20 ta' Gunju 2008 il-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat appellant u hemmhekk, gewwa kamra sabu hafna ghasafar u annimali bbalzmati.L-imputat ikkonsenja xi dokumenti lill-pulizija li qallhom kienu tar-registrazzjoni tal-ghasafar li kien ghamel mal-Awtorita' tal-Ambjent u Ppjanar (MEPA).L-ghasafar u annimali misjuba gew aktar tard spezzjonati minn ufficjal tal-MEPA li deherlu li kellu jeleva u jissekwestra numru minnhom li gew eventwalment esibiti f'dawn il-proceduri bhala dokument wiehed markat dokument "E" fosthom 6 ghasafar ibbalzmati. Gew ukoll elevati u sekwestrati 6 mammiferi u mollusk li ma kienetx tirrizulta l-provenjenza legittima taghhom. L-imputat sussegwentement gie mressaq il-Qorti akkuzat kif gia inghad.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1. l-Ewwel Onorabbli Qorti m'ghamlitx apprezzament sew u xieraq tal-provi kif irrizultaw quddiemha, kellha taghti aktar piz probatorju lix-xhieda ta'

Raymond Cauchi, ma ngabet l-ebda prova li turi l-*mens rea* rikjesta sabiex tissusisti l-htija, u konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha;

2. bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma giet ordnata l-ebda perizja mill-Qorti u x-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonfermaw u janalizzaw it-tjur u l-annimali in kwistjoni kienu biss xhieda ordinarji u parzjali li ma nhatrux mill-Qorti bhala esperti in materja u ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt tikkonkludi l-htija a rigward l-ewwel erbgha imputazzjonijiet.

3. a rigward il-konfiska tal-annimali indikati f'Dokument "D" u li gew esebiti bhala dokument wiehed, li gie mmarkat bhala Dok. "E", din il-konfiska mhix wahda tassattiva peress illi mhix imsemmija fil-ligijiet specjali mertu ta' din il-kawza u allura l-Qorti setghet, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex ma tordnax tali konfiska.

**7.** In kwantu għall-**<u>ewwel aggravju</u>**, ma hux ċar x'jifhem preċiżament l-appellant bil-*mens rea* rikjesta sabiex jissusisti r-reat. Għar-reat *de quo* ma hi meħtieġa ebda intenzjoni speċifika u għalhekk il-kostitwenti tal-element morali jew intenzjonali huma l-ingredjenti tal-intenzjoni ġenerika konsistenti fil-volonta' li jagħmel l-għemil materjali tar-reat u fil-konsapevolezza tan-natura u l-kwalita' tal-istess għemil. Ma jidhirx li jista' jkun hemm xi dubbju li l-għemil inkriminat kien wieħed magħmul mill-appellant volontarjament u li l-appellant kien jaf ben tajjeb f'hix jikkonsisti dak l-għemil. Ċertament ma hux meħtieġ li l-appellant ikun jaf li l-għemil tiegħu jmur kontra l-liġi penali (għalkemm jirriżultaw indizji ċjari li anki dan kien jafu l-imputat appellant). L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti messha tat aktar piż lix-xiehda tax-xhud Raymond Cauchi iżda din il-Qorti ma tarax x'piż akbar setgħet tat lix-xiehda tiegħu l-ewwel Qorti meta effettivament jirriżluta li x-xiehda tiegħu kienet *detto del detto del detto*. Di fatti xehed li huwa dwar l-annimali bbalzmati kellu x'jaqsam direttament biss ma' Joe Grima, ħaten l-imputat, li għalih kien ġab minn barra l-annimali bbalzmati , u ma' ħuh George Cauchi li kien qallu li tahom lil Frans Camilleri. Raymond Cauchi ma kienx preżenti meta ħuh suppost għadda l-annimali lill-imputat u għalhekk ma hux f'pożizzjoni li jgħid jekk l-annimali konfiskati kienux l-istess annimali li huwa kien ġab minn barra għal Joe Grima.

**8.** Rigward dik il-parti ta' dan l-aggravju li si tratta mill-apprezzament tal-provi il-Qorti tindirizza dan l-aspett wara li jkunu ġie kunsidrat it-tieni aggravju.

**9.** Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ma ordnat ebda perizija u x-xhieda miġjuba biex jikkonfermaw u janalizzaw it-tjur u l-annimali relevanti kienu biss xhieda ordinarji u parzjali mhux maħtura bħala esperti.

**10.** Il-persuna li prinċipalment xehedet dwar l-ispeċi tal-għasafar u annimali konfiskati mill-pussess tal-appellant kienet Stanley J. Gatt (fol. 21), li jirriżuta għandu diploma fix-xjenza ambjentali u għandu wkoll M.Sc. fl-ippjanar u meniġġjar tal-ambjent u huwa, jew kien fiż-żmien relevanti, t-*Team Manager* (*Nature Protection Inspectorate*) fi ħdan l-Awtorita' għall-Ambjent. Persuna oħra li xehedet dwar din il-materja kienet Matthew Grima Connely (fol. 227) li huwa Environment Protection Officer mal-istess Awtorita' għall-Ambjent. In kwantu għal Stanley J. Gatt ma jirriżultax li biex jixhed dak li xehed dan kien jeħtieġ xi "tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett" kif irid l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali sabiex ikun hemm lok li jinħatar espert.

**11.** Dak li xehed l-istess J. Gatt kien limitat għal fatti li kienu a konoxxenza tiegħu personali u di fatti ebda oġġezzjoni jew eċċezzjoni ma tqajjmet mid-difiża fl-ewwel istanza għax-xiehda tiegħu u anqas saru xi domandi in kontroeżami li b'xi mod jikkontestaw l-ammissibilita' tiegħu li jixhed dwar il-materja li effettivament xehed. Ix-xhud Gatt xehed biss dwar dak li kien mistenni jkun a konoxxenza ta' persuna li tokkupa l-kariga li kien jokkupa l-istess Gatt. Rigward ix-xhud l-ieħor ukoll, Matthew Grima Connely, id-difiża fl-ewwel istanza ma qajjmet ebda oġġezzjoni jew eċċezzoni dwar l-ammissibilita' tiegħu biex jixhed fuq dak li xehed u fil-kontroeżami tiegħu ma sar ebda aċċenn dwar il-kwistjoni. Huwa wkoll xehed dwar il-fatti u kwistjonijiet ta' natura proċedurali li kienu a konoxxenza tiegħu personali u dwar materji li hu mistenni li jkunu a konoxxenza ta' persuna li tokkupa l-pożiżżjoni okkupata minnu u li kien mixħut prinċipalment fuq il-CITES jew il-Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Fauna and Flora u di fatti ikkjarifika li "Issa l-kompetenza tiegħi hija fuq li huma CITES." Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

**12. F'dan l-istadju ser jiġi kunsidrat <u>Il-kumplament tal-ewwel aggravju</u>** dwar l-apprezzament tal-provi.

**13.** In materia ta’ apprezzament ta’ provi l-ġurisprudenza ta’ din il-Qorti hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita’ biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**14**. Mill-provi prodotti jirriżulta li fl-20 ta’ Ġunju 2008 filgħodu saret tfittxija mill-pulizija fir-residenza tal-imputat appellant f’Għawdex u hemm nstabet kwantita’ ta’ għasafar u annimali bbalzmati. L-imputat pprovda lill-uffiċjali tal-pulizija b’xi dokumenti li suppost kienu juru li l-għasafar in kwistjoni kienu ġew reġistrati mal-Awtorita’ tal-Ippjanar (MEPA). Aktar tard, bil-kunsens tal-imputat, il-kamra fejn instabu l-għasafar u l-annimali ibbalzmati ġiet siġillata sabiex tkun tista’ tiġi eżaminata mill-uffiċjali tal-MEPA aktar ‘il quddiem. Di fatti, għall-ħabta tal-bidu tal-Lulju 2008 mar fuq il-post Stanley Gatt (fol. 21), uffiċjal tal-MEPA, sabiex jagħmel spezzjoni li matulha rriżulta li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu fir-residenza tiegħu 535 eżemplari (Dok. SG1). Ix-xhud Gatt ikkonfronta l-lista tal-eżemplari li nstabu fir-residenza tal-imputat ma’ lista ta’ 1020 eżemplari f’kollezzjoni li l-imputat kien iddikjara mal-MEPA fl-2003 (Dok. SG 3) u ma’ lista oħra ta’ 38 eżemplari f’kollezzjoni li kien iddikjara mal-istess awtorita’ fl-1998 (Dok. SG2) kif ukoll ma’ lista annessa ma dikjarazzjoni datata Ġunju 2002 u ffirmata minn Carmel Farrugia (Dok SG4) fis-6 ta’ Ottubru 2002 li fiha ta’ l-aħħar stqarr li kien għadda l-għasafar ibbalzmati indikati fil-lista annessa mal-istess dikjarazzjoni u li jagħmlu parti mill-kollezzjoni tiegħu lill-imputat Francis Camilleri. Minn dan il-konfront irriżulta li kien hemm 6 eżemplari (Dok. SG 5) li ma kienux ġew iddikjarati. L-istess 6 eżemplari huma wkoll imħarsa b’mod speċjali taħt l-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali 79 tal-2006.

**15.** Ix-xhud Stanley Gatt xehed ukoll li 27 eżemplari (Doc SG6) minn fost dawk dikjarati fl-1998, 10 minnhom mħarsa wkoll b’mod speċjali taħt l-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali msemmi, ma kienux jinsabu fuq il-post. Ma nstabux fuq il-post ukoll 397 eżemplari ieħor, kollha protetti, minn fost dawk dikjarat fl-2003 li 109 minhom huma minżżla fl-Ewwel Skeda msemmija. Minn fost l-eżemplari dikjarati fil-lista annessa mad-dikjarazzjon Dok SG4 jirriżulta li kien hemm 34 eżemplari, kollha protetti, li wkoll ma nstabux fuq il-post u li 13 minnhom jinsabu fl-Ewwel Skeda ġia indikata (Dok. SG 8).

**16.** Barra minn hekk, l-istess Stanley Gatt xehed li fost l-annimali bbalzmati li nstabu fil-pussess tal-imputat kien hemm numru ta' mammiferi fosthom ors, lynx, żewġ bobcats, u żewġ mountain lions (li jidhru wkoll fir-ritratti esibiti) li skont l-imputat kienu ġew rilaxxiati snin qabel minn l-istess xhud mentri jirriżulta li kien irrilaxxja biss eżemplari wieħed (fol. 22 , Doc SG10, fol. 135-139). L-imputat, mitlub jipproduċi d-dokumentazzjoni li turi l-provenjenza leġittima tal-eżemplari li ma kienux spjegati, ma pproduċa ebda dokumentazzjoni li kien obbligat iżomm skont ir-regolamenti viġenti fiż-żmien relevanti. B'hekk, il-mammiferi ibbalzmati relevanti, fosthom żewġ bobcats, żewġ puma, ors, ballotra, u magħhom mollusk, ġew issekwestrati (Doc SG11). Kemm ix-xhud Gatt kif ukoll ix-xhud Matthew Grima Connely spjegaw id-dokumentazzjoni kienet neċessarja sabiex turi l-provenjenza leġittima tal-eżemplari konfiskati u t-tnejn kkonfermaw li l-imputat ma pproduċiex din id-dokumentazzjoni li kien tenut iżomm skont ir-regolamenti viġenti fiż-żmien relevanti.. Minn barra hekk l-istess xhieda fittxew ukoll fost id-dokumentazzjoni tal-Awtorita' għas-snin relevanti meta l-eżemplari kienu fil-pussess tal-imputat iżda ma sabu ebda dokumentazzjoni li tkopri l-eżemplari in kwistjoni

**17.** Mill-premess jirriżulta ampjament li ma jeżistu ebda raġunijiet gravi biżżejjed sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti u anżi jeżistu r-raġunijiet kollha għaliex għandha tikkondividih kif qed tagħmel.

**18.** In kwantu għat-**tielet aggravju** dwar il-konfiska, trattandosi ta' setgħa diskrezzjonali tal-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa sakemm ma jirriżultalhiex li l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni kien manifest kontra l-liġi jew jirriżultawlha raġunijiet suffiċjentement gravi li jiġġusitifikaw l-intervent tagħha sabiex tiġi evitata xi inġustizzja manifesta. Minn dan xejn ma jirriżulta lil din il-Qorit u anzi kieku din il-Qorti kellha tħassar dik il-konfiska tkun hi stess li tikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni ta' sitwazzjoni manifestament kontra l-liġi.

**19.** B'hekk l-aggravji kollha tal-appellant qiegħdin jiġu respinti fl-intier tagħhom.

Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad l-appell tal-imputat appellant Francis Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------